A.L. 170 ta' l-1989

ATT LI JIRREGOLA L-KONDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG (KAP. 135)

Ordni ta' Standard Nazzjonali ta' l-1989 dwar l-Inqas Paga fil-Ġimgħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, il-Ministru tal-Politika Soċjali, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tax-Xogħol, għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-1989 dwar l-Inqas Paga fil-Ġimgħa, u għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 1990. Titolu u bidu fis-seħħ.

2. B'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1990, l-inqas paga nazzjonali fil-ġimgħa għal ġimgħa normali ta' xogħol għandha tkun kif ġej:— L-inqas paga.

18-il sena u fuqhom	Lm32.88c	fil-ġimgħa
17-il sena	Lm29.97c	fil-ġimgħa
16-il sena	Lm28.74c	fil-ġimgħa.

3. L-Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-1974 dwar l-Inqas Paga fil-Ġimgħa huwa b'dan imħassar. Ħassar l-A.L. 127 ta' l-1974.